12 ta' Diċembru, 1952.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President* ;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giuseppa Camilleri ne. *versus* Giovanni Schembri

**Paternità Naturali — Provi — Eżami tad-Demm — Minuri — Kuratriċi "Ad Litem".**

*Il-prova ta' l-eżami tad-demm sabiex tiġi assodata l-paternità ta' tifel tista' ssir meta l-partijiet jakkonsentu għaliha.*

*Fil-każ preżenti kien hemm dan il-kunsens. Imma billi qamet il-kwistjoni jekk omm it-tifel, li kienet qiegħda tidher fil-kawża bħala kuratriċi "ad litem" tiegħu, setgħetx tagħti dak il-kunsens għall-eżami fuq il-persuna tiegħu, il-Qorti assuppliet hija għal dak il-kunsens billi dehrilha li kien fl-interess tat-tifel li tiġi stabbilita b'mod ċert u univoku l-paternità tiegħu, u mill-banda l-oħra ma kienx jidher li kien hemm preġudizzju għas-saħħa tiegħu.*

Il-Qorti, — Fuq ir-rikors, preżentat mill-appellant fit-13 ta' Ġunju 1952 (fol. 121), fejn talab li jiġi nominat espert biex jagħmel l-"A.O.B. blood grouping test", bażat fuq l-"R.H. factor", fuq l-attriċi Giuseppa Camilleri u binha minuri Annunziato, biex b'hekk tkun tista' tiġi eskluża b'mod univoku l-paternità, li qiegħda tiġi attribwita lir-rikorrent, ta' dik it-tarbija, u li diġà ġiet lilu addebitata bis-sentenza appellata ;

Rat ir-risposta ta' l-attriċi (fol. 123), li ma opponietx ruħha għal dik it-talba, bir-riżervi fl-istess risposta msemmijin ;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mhux kontestat li prova simili tista' ssir meta l-partijiet jakkonsentu għaliha. Fil-każ in ispeċje tant l-appellant kemm Giuseppa Camilleri pprestaw dan il-kunsens; iżda billi din ta' l-aħħar qiegħda tidher fil-kawża bħala kuratriċi "ad litem" ta' binha minuri Annunziato, qamet id-diffikultà jekk hija f'din il-kwalità tistax tagħti dak il-kunsens għan-nom ta' l-imsemmi binha minuri;

Illi huwa fl-interess tal-minuri Annunziato Camilleri li l-paternità tiegħu tiġi stabbilita b'mod ċert u univoku, u ma jidherx li l-prova mitluba tista' tkun ta' preġudizzju għas-saħħa tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għall-volontà ta' l-imsemmi minuri, li ma tistax tiġi minnu espressa, tista' tissupplixxi l-Qorti;

Illi fiċ-ċirkustanzi tal-każ il-prova offerta mill-appellant jista' jkollha importanza deċiżiva għad-definizzjoni tad-domanda mressqa bl-att taċ-ċitazzjoni;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-imsemmija talba ta' l-appellant, u għas-spejjeż provviżorjament ta' l-istess appellant tinnomina lil Major Thomas Warrington, R.A.M.C., Dr. Charles Podestà, u Dr. J. Darmanin Demajo, biex jipproċedu għall-"blood test" fuq imsemmi fil-ġurnata li huma jagħżlu, u li biha jkunu avżati l-partijiet biex jippreżentaw ruħhom; iżda li ma għandhiex tkun iżjed tard mill-24 ta' dan ix-xahar. L-imsemmijin periti għandhom jippreżentaw ir-relazzjoni fis-seduta tas-16 ta' Jannar 1953, għal liema ġurnata hija differita l-kawża;

Spejjeż riżervati.